**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 2 ta' Mejju 2001.

Il-Pulizija
Spettur Jeffrey Cilia

Vs

Christopher Bugeja

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Christopher Bugeja, ta' 21 sena, bin Mark u Nathalie nee' Camilleri, imwieled Pieta' fil-5 ta' Gunju 1979, residenti 'Sea View Flats', Flt. 3, Triq Farretti, Birzebbugia, u detentur ta' karta tal-Identita' bin-numru 279779 (M);

Talli fit-8 ta' Frar, 2000, ghall-habta tas-7.00pm, f'Birzebbugia, ikkommetta serq ta' cellular phone tal-ghamla Mitsubishi, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jaccedi l-mitt lira izda mhux l-elf lira, ghad-detriment ta' Norbert Cassar;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Wara li rat l-Artikolu 261et tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, inkluz il-fatt illi t-telephone mobile gie ritornat lil sidu;

U wara illi semghet ukoll mill-Prosekuzzjoni, illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-Awtoritajiet Investigattivi;

Din il-Qorti, wara li rat il-koperazzjoni tal-imputat, l-entita' minima tar-reat, ir-ritorn tar-rifurtiva u wara li semghet lil Charles Cutajar, rapprezentant tas-Sedqa, qeghda ssib lill-imsemmi Christopher Bugeja, hati ta' kif akkuzat u qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum, a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.